31974R2988

29.11.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 319/1

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2988/74 TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Novembru 1974

li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 75, 79 u 87 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward tat-trasport u l-kompetizzjoni l-Kummissjoni għandha s-setgħa li timponi multi, penalitajiet u pagamenti ta' penalitajiet perjodiċi fuq impriżi jew assoċazzjonijiet ta' impriżi li jiksru l-liġi tal-Komunità fir-rigward ta' l-informazzjoni jew l-investigazzjoni, jew fir-rigward tal-projbizzjoni fuq id-diskriminazzjoni, prattiċi restrittivi u abbuz ta' pożizzjoni dominanti; billi dawk ir-regoli ma jagħmlu l-ebda dispożizzjoni għal xi perjodu ta' limitazzjoni;

Billi huwa meħtieġ fl-interessi taċ-ċertezza legali li l-prinċipju tal-limitazzjoni jiġi introdott u li r-regoli ta' l-implimentazzjoni jitniżżlu; billi, sabiex il-materja tkun koperta totalment, huwa meħtieġ li d-dispożizzjoni għal limitazzjoni issir mhux biss fir-rigward tas-setgħa li timponi multi jew penalitajiet, iżda wkoll fir-rigward tas-setgħa li tinforza deċiżjonijiet, timponi multi, penalitajiet jew pagamenti ta' penalitajiet perjodiċi; billi dispożizzjonijiet bħal dawn għandhom jispeċifikaw it-tul tal-perjodi ta' limitazzjoni, id-data meta ż-żmien jibda jiddekorri u l-ġrajjiet li għandhom l-effett li jinterrompu jew jissospendu l-perjodu ta' limitazzjoni; billi f'dan ir-rigward l-interessi ta' l-impriżi u l-assoċazzjonijiet ta' impriżi fuq in-naħa l-waħda, u l-bzonnijiet imposti mill-prattika amministrattiva, fuq in-naħa l-oħra, għandhom ikunu kkunsidrati;

Billi dan ir-Regolament irid japplika għad-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament Nru 11 dwar l-abolizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat ([3]) li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, tar-Regolament Nru 17 ([4]): l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat, u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 ([5]) tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni; billi dan għandu japplika wkoll għad-dispożizzjonijiet relevanti ta' regolamenti futuri fl-oqsma tal-liġi tal-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward tat-trasport u l-kompetizzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti

1. Is-setgħa tal-Kummissjoni li timponi multi jew penalitajiet għall-ksur tar-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward tat-trasport jew il-kompetizzjoni għandha tkun soġġetta għall-perjodi ta' limitazzjoni segwenti:

(a) tliet snin fil-każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet jew in-notifikazzjonijiet ta' impriżi jew assoċazzjonijiet ta' impriżi, talbiet għal informazzjoni, jew it-twettiq ta' investigazzjonijiet;

(b) ħames snin fil-każ tal-ksur l-ieħor kollu.

2. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri fil-ġurnata li fiha l-ksur ikun sar. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwat jew ripetut, iż-żmien għandu jibda jiddekorri fil-ġurnata li fiha l-ksur jieqaf.

L-Artikolu 2

L-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni fil-proċedimenti

1. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni, jew minn kull Stat Membru, li jkun qed jimxi fuq talba tal-Kummissjoni,

([1]) ĠU C 129, tal-11.12.1972, p. 10.
([2]) ĠU C 89, tat-23.8.1972, p. 21.
([3]) ĠU 52, tas-16.8.1960, p. 1121/60.
([4]) ĠU 13, tal-21.2.1962, p. 204/62.
([5]) ĠU L 175, tat-23.7.1968, p. 1.

għall-għanijiet ta' l-investigazzjoni jew proċedimenti preliminari fir-rigward ta' ksur għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni fil-proċedimenti. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiġi interrott b'effett mid-data li fiha l-azzjoni tiġi nnotifikata lil mill-inqas impriża jew assoċazzjoni ta' impriżi waħda li jkunu pparteċipaw fil-ksur.

Azzjonijiet li jinterrompu d-dekorrenza tal-perjodu għandhom jinkludu partikolarment is-segwenti:

(a) talbiet bil-miktub għall-informazzjoni mill-Kummissjoni, jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li jkun qed jimxi fuq it-talba tal-Kummissjoni; jew deċiżjoni tal-Kummissjoni li teħtieġ l-informazzjoni mitluba;

(b) awtorizzazjonijiet bil-miktub għat-twettiq ta' investigazzjonijiet maħruġa lill-uffiċjali tagħhom mill-Kummissjoni jew mill-awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru fuq it-talba tal-Kummissjoni; jew deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna investigazzjoni;

(ċ) il-bidu tal-proċedimenti mill-Kummissjoni;

(d) in-notifikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni.

2. L-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni għandha tapplika għall-impriżi jew l-assoċazzjonijiet ta' impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur.

3. Kull interruzzjoni tagħmel li ż-żmien jibda jiddekorri mill-ġdid. Madankollu, il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiskadi l-aktar tard fil-ġurnata li fiha perjodu daqs id-doppju tal-perjodu tal-limitazzjoni jkun skada mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet multa jew penalità; dak il-perjodu għandu jiġi estiż biż-żmien li fih il-limitazzjoni tkun sospiża bis-saħħa ta' l-Artikolu 3.

L-Artikolu 3

Sospensjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni fil-proċedimenti

Il-perjodu ta' limitazzjoni fil-proċedimenti għandu jiġi sospiż għal dak iż-żmien li fih id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun issuġġett ta' proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjonijiet

1. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tinforza deċiżjonijiet li jimponu multi, penalitajiet jew pagamenti ta' penalitajiet perjodiċi għall-ksur tar-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward tat-trasport jew tal-kompetizzjoni għandha tkun soġġetta għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

2. Iż-żmien għandu jibda jiddekorri fil-ġurnata li fiha d-deċiżjoni ssir finali.

L-Artikolu 5

Interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjonijiet

1. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjonijiet għandu jkun interrot:

(a) permezz ta' notifikazzjoni li tvarja l-ammont oriġinali tal-multa, penalità jew pagamenti ta' penalità perjodiċi jew l-irrifjutar ta' applikazzjoni għat-tibdil;

(b) permezz ta' kull azzjoni tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru fuq it-talba tal-Kummissjoni bl-iskop ta' l-infurzar tal-pagamenti ta' multa, penalità jew pagament ta' penalità perjodiku.

2. Kull interruzzjoni tagħmel li ż-żmien jibda jiddekorri mill-ġdid.

L-Artikolu 6

Sospensjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjonijiet

Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjonijiet għandu jkun sospiz għaż-żmien li:

(a) żmien għal ħlas ikun permess; jew

(b) l-infurzar tal-pagament jiġi sospiz bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 7

L-applikazzjoni għal każijiet transitorji

Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll fir-rigward ta' ksur imwettaq qabel ma dan jidħol fis-seħħ.

L-Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

J. LECANUET